UĊI ĦIELSA
VOICE OF FREEDOM

91, Triq Jean De La Valette,
San Pawl tat-Tarġa,
Naxxar NXR 1206, Malta

voiceoffreedommalta@gmail.com

31 ta’ Lulju 2023

**<u>Attenzjoni</u>: Trattat dwar il-Pandemija tal-WHO li ser jiġi introdott f’194-il pajjiż**

**Onorevoli Membru Parlamentari**

Qed niktiblek bi tħassib serju dwar id-diskussjonijiet li għaddejjin rigward id-dokument aħħari **CA+ tal-Organizzazzjoni Dinija tas-Saħħa (WHO)** (magħruf bħala it-Trattat **fuq il-Pandemija)** u l-emendi proposti mill-**Assemblea Internazzjonali tas-Saħħa (2005)** li qed jheddu is-sovranità nazzjonali tagħna, għaliex dan it-Trattat u dawn ir-Regolamenti għandhom rabta legali u għalhekk jieħdu preċedenza fuq il-kostituzzjoni tal-194 Stati Membri kollha tad-WHO.

Aħna ivvutajnielkom biex tirrapreżentawna u tħarsu il-Kostituzzjoni tagħna u ma nifhmux kif m'hemm l-ebda indikazzjoni fuq liema pożizzjoni beħsiebkom tieħdu quddiem theddida daqshekk kbira kontra s-sovranità ta’ pajjiżna. Permezz ta’ din l-ittra, aħna qed nistaqsu: bħala Stat Membru Malta hija diġá kompromessa u jekk hux mistenni li tissottometti ruha għal kilba tal-poter tal-WHO kontra l-volontá tal-poplu?

Missirijietna ħadmu ħafna biex jiksbu l-awtonomija tagħna mill-indħil barrani u issa qed niġu sfurzati biex nissottomettu ruħna għal Istituzzjoni li qatt ma ġiet eletta demokratikament u li lanqas tinżamm reponsabbli għal dak li twettaq. Hija Istituzzjoni li tirċievi ħafna mill-fondi tagħha minn donaturi privati. Il-WHO ma tistax tiġi mixlija f’kas ta’mġieba ħażina u lanqas hi ħielsa fid-decizjonijiet li tieħu minħabba li hija dipendenti fuq dawk li jiffinanzjawha. Il-WHO hija influwenzata ħafna mill-World Economic Forum(WEF) u ffinanzjata prinċipalment minn kumpaniji farmaċewtiċi industrijali bħall-Fondazzjoni Bill u Melinda Gates, l-Alleanza Gavi (ukoll proprjetà ta’ Bill Gates), kif ukoll il-Ġermanja, l-Istati Uniti u l-Kummissjoni tal-UE ; 84% tal-finanzjament tagħha għalhekk jiġu prinċipalment minn intrapriżi privatiu kontributuri oħra u mhux minn stati membri. Dawn huma atturi globali b'interessi ġeo-politiċi u finanzjarji kbar ħafna li ma jaqblux mal-interessi ta’ pajjizna u l-ġid tan-Nazzjon taghna. Il-WHO mhix impenjata għat-tkattir tal-għarfien xjentifiku jew għas-saħħa u l-ġid tan-nies, iżda għall-interessi ta’ konglomerati massivi.

Fil-proċess ta’ negozjar (fil-biċċa l-kbira sigriet) tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) li hija il-korp li jieħu d-deċiżjonijiet tal-WHO, qatt ma ntalab kumment jew vot pubbliku nazzjonali jew internazzjonali, peress li l-pubbliku ma jitqiesx bħala ‘parti interessata’, u għaldaqstant mhuwiex rilevanti. B’differenza mit-Trattat il-ġdid propost ta’ Pandemija li jrid jiġi skrutinizzat mill-Parlament qabel jiġi ratifikat mill-gvern, l-IHR (Regolatur Internazzjonali tas-Saħħa tal-2005) huwa strument tal-liġi internazzjonali li jorbot legalment f'194 pajjiż. Kwalunkwe emenda adottata ma teħtieġ l-ebda skrutinju jew vot parlamentarju; fi kliem ieħor, aħna l-pubbliku niġu dipendenti mill-ħniena tagħhom.

Ħafna mill-emendi proposti (fl-307 abbozz mħejji) x'aktarx se jiġu adottati fis-77 laqgħa tal-WHA f'Mejju 2024. Kull Stat Membru għandu jgħażel li joħroġ (*opt out*) biex jipprevjenu wħud jew l-amendi kollha li japplikaw għalihom. Min jonqos li jwiegeb jitqies li ta l-kunsens ukoll .

F'Mejju 2023 it-Trattat tal-Pandemija u l-emendi tal-IHR ġew diskussi waqt is-76 laqgha ta' l-Assemblea Dinjija tas-Saħħa f'Ġinevra. Dr Abdullah Assiri Ko-President tal-IHR sostna li *"id-dinja teħtieġ livell ieħor ta'mandati legali fejn … jingħatgħu prijorita miżuri li jirrestrinġu il-libertajiet individwali … mandati u tixrid ta'informazzjoni, għarfien u riżorsi kif ukoll fondi pprovduti biex jimponu l-kontroll*".

Fil-75 laqgħa preċedenti tal-WHA ta' Mejju 2022, il-perjodu li fih Stat Membru jista' jirrifjuta emendi futuri <u>tnaqqas</u> minn 18 għal 10 xhur u ż-żmien totali ta' meta dawn l-emendi se jidħlu fis-seħħ <u>naqsuh bin-nofs</u>, minn 24 għal 12 il-xahar. Din ir-restrizzjoni ta' żmien se tfixkel b'mod sinifikanti l-proċess demokratiku normali li matulu l-gruppi ta' *lobbying* jistgħu jqajmu kuxjenza u japplikaw pressjoni politika u dan it-tibdil iżid iċ-ċans li jgħaddu emendi perikolużi u mhux mixtieqa, mingħajr ma jindunaw l-pubbliku u l-politici sakemm ikun tard wisq.

Il-perjodu ta' żmien għall-gvern tagħna biex jirrifjuta dawn il-ħames emendi adottati f'Mejju 2022 huwa **<u>Novembru 2023 li ġej</u>**. Biex jirrifjuta emenda l-Gvern tagħna huwa meħtieġ li **jinvoka l-Artikolu 61** tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa eżistenti <u>qabel</u> ma tgħaddi l-iskadenza. Nuqqas ta' azzjoni minn naħa tal-Gvern sad-data tal-iskadenza huwa dak kollu li hu meħtieġ biex dawn l-emendi jsiru vinkolanti taħt il-liġi internazzjonali.

Qed nappellaw għalhekk b'urġenza lill-Gvern tagħna biex b'mod attiv **jiċħad** l-emenda adottata għall-**Artikolu 59** (li jittratta d-dħul fis-seħħ u t-tnaqqis taż-żmien għall-perjodu ta' rifjut jew ta'oġġezzjonijiet). Ħafna mill-emendi proposti mill-IHR jibdlu l-*istatus* ta' 'konsulenza' li għandha attwalment il-WHO fi 'Gwida f'kas ta'Emerġenza' u jorbtu legalment lill-iStati Membri u n-nies tagħhom filwaqt li <u>fl-istess ħin l-IHR ineħħi l-klawżola</u> li teħtieġ li l-WHO jżomm '***rispett sħiħ għad-dinjità, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-individwi'*** . **Dan jagħti raġuni għal tħassib kbir.**

Emendi proposti oħra jagħtu s-setgħa lid-Direttur Ġenerali tad-WHO (bħalissa l-kontroversjali Dr Tedros Adhanom Ghebreyesus), li m'għandu l-ebda kwalifika medika, mhuwiex elett u mhux obbligat jagħti kont ta' għemilu, biex waħdu jista' jiddikjara li Emerġenza ta' Saħħa Pubblika Internazzjonali (PHEIC); dan ifisser li d-definizzjoni tagħha tista' tiġi estiża biex tinkludi ħsara 'potenzjali' għall-kuntrarju ta' ħsara 'attwali', u b'hekk <u>tagħti lill-WHO d-dritt li tagħmel dak li jidhrilha.</u>

L-adozzjoni ta' dawn l-emendi u l-konferma tat-Trattat il-ġdid tal-Pandemija se jirriżulta f'bidla kbira fil-governanza tas-Saħħa pubblika u **jimmina b'mod permanenti s-sovranita' nazzjonali** tal-Istati Membri b'emerġenza tas-saħħa (jekk ippjanata, perċepita jew mod ieħor) u tingħata awtorita assoluta lil WHO u lil dawk li jiffinanzjawha, fejn interessi dubbjużi oħra jieħdu preċedenza fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem. Dan ser jikkaġuna kunflitt serju ta' interessi.

Aktar emendi jheddu l-libertà tal-kelma u jfittxu li jżidu ċ-ċensura ta' opinjonijiet li ma jaqblux billi jordnaw kollaborazzjoni globali sistematika biex jiġġieldu d-dissens għall-gwida uffiċjali governattiva jew gwida tal-WHO. Dawn il-miżuri se jbiddlu in-Nazzjon tagħna fi stat totalitarju. **Dan l-aġir eċċessiv mill-WHO jeħtieġ għalhekk rispons rapidu u effettiv mill-Gvern Malti li d-dmir primarju tiegħu hu li jipproteġi l-awtonomija, is-saħħa u l-libertajiet tagħna li ntrebħu bis-saħħa ta'politiċi għaqlin tal-imgħoddi.** Ma nistghux nippermettu li Istituzzjoni mhux eletta mill-poplu tiddikjara emergenza fuq semplici <u>suspett ta' riskju</u>.

Matul it-tielet Summit Internazzjonali reċenti dwar il-Covid 19 organizzat minn numru ta' Konservattivi u Riformisti Ewropej (ECR) fil-Parlament Ewropew fit-3 ta' Mejju 2023, <u>il-ġestjoni ħażina</u> tal-pandemija mill-WHO ġiet ikkritikata sew. Il-kelliema kienu professjonisti rinomati li spjegaw l-istatisika u s-sejbiet xjentifiċi, soċjali, mediċi u legali ta' dawn l-aħħar tlett snin.
*(ara l-anness għal informazzjoni u referenzi addizzjonali).*

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tilfet għal kollox il-fiduċja tagħna fiha u fil-kapaċità tagħha bħala korp konsultattiv internazzjonali. Aħna bħala pajjiż, ma nistgħux nagħtu f'idejhom ir-responsabbiltà u s-setgħa li jġibu fix-xejn is-sovranità tagħna meta jidhrilhom xieraq. Nitolbukom tqisu l-effetti devastanti tal-miżuri li l-WHO imponiet fuq Pajjiżna: il-lockdowns u l-iżolament sfurzat tal-anzjani; il-ħsara psikoloġika fuq adulti u tfal; it-tifrik ta' familji u relazzjonijiet li spiss irrżulta f'każi ta' vjolenza; problemi ta' saħħa mentali u suwiċidi; it-telf ta 'dħul finanzjarju, pagi mnaqqsa u faqar għal ħafna; kollass u għeluq ta' negozi żgħar; id-dewmien fiż-żjarat u f'operazzjonijiet li rriżultaw f'aktar emerġenzi tas-saħħa u anke mwiet; kif ukoll ir-restrizzjoni tal-moviment tagħna u tal-ivvjaġġar, anki lejn Ghawdex. Il-ġestjoni ħażina ta' din il-pandemija msejsa fuq il-biża ipprovokata, kellha impatt negattiv għall aħħar fuq l-Ekonomija tagħna, il-Gid u s-Saħħa tagħna lkoll. Il-kwalità tas-siġra titqies mill-frott li tagħti. Il-WHO determinat li jirrepeti din il-ħolma kerha li poġġewna fiha, preżumibbilment "għas-sigurtà tagħna". <u>Nerġgħu nfakkru li l-WHO mhix organizzazzjoni eletta demokratikament u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ma jistgħux jinżammu responsabbli. F'demokrazija, dawk li jfasslu l-politika għandhom ikunu eletti demokratikament u jinżammu responsabbli kif inhu xieraq.</u> Kwalunkwe ftehim iffirmat mal-WHO mingħajr il-kunsens tal-poplu huwa illegali u ma nirrikonoxxuhx, għalhekk inqisuh null u bla effett.

Jekk il-parlament Malti jirratifika dan it-Trattat tal-WHO, jegħleb għal kollox il-Kostituzzjoni tagħna u jneħħi l-Awtorità tal-Parlament u d-drittijiet taghna. Mingħajr il-kunsens informat tal-Poplu, din id-deċiżjoni ssir **att ta' aggressjoni u tradiment** kontra n-Nazzjon Malti.

Il-Kostituzzjoni tagħna hija sagra għal kull ċittadin Malti u m'għandha tinbidel bl-ebda mod biex tissodisfa x-xewqat tal-WHO. Huwa possibbli li matul il-pandemija preċedenti int bżajt, possibilment ġejt imqarraq bħal ħafna, potenzjalment ma tafx jew forsi ma għaraftx is-serjeta' tal-azzjonijiet tiegħek bħala MP.

Għalhekk nitolbuk bħala rappreżentant tagħna li tippreżenta mozzjoni fil-Parlament biex **tinvoka l-Artikolu 61** qabel ma tgħaddi l-iskadenza u li **tirrevoka l-Artikolu 59** imfassal mill-IHR *(Regolatur Internazzjonali tas-Saħħa)* biex timblokka dawn il-miżuri illegali għall-ġid komuni tan-Nazzjon tagħna kollu. Jekk tirratifika dan it-Trattat ta' Pandemija jew jekk ma tagħmel xejn u tħalli l-amendi ta' dawn ir-Regolamenti iseħħu bin-nuqqas ta' azzjoni tiegħek, dawn il-miżuri ma jibqgħux linji gwida iżda se jsiru liġijiet. B'differenza mill-WHO, int tista' tinżamm responsabbli tan-negliġenza volontarja u kondotta ħażina li biha ksirt il-Kostituzzjoni ta' Malta u nqast milli taqdi lill-poplu Malti. Għaldaqstant qed nitolbuk li **tieqaf għal dak li hu Ġust għal-Ġid tan-Nazzjon tagħna.**

*Iffirmat minn Residenti Maltin u Barranin Mħassba*

## Anness:

Il-kelliema professjonisti **fit-Tielet Summit Internazzjonali dwar il-Covid 19** li sar fil-Parlament Ewropew fit-3 ta' Mejju 2023 qajjem dubji serji dwar l-integrità tad-WHO u l-amministrazzjoni tagħhom tal-aħħar pandemija:

### ❖ Dr David E. Martin:

Dr Martin stqarr li l-WHO kienet totalment konxja mill-esperimenti bil-viruses li saru fuq annimali fl-Università ta' North Carolina Chapel Hill sabiex jibdlu il-virus tar-Riħ komuni f'arma bijoloġika biex tingħata lill-bnedmin (proċess magħruf aħjar bħala 'Infectious Replication Defective'). Il-Kelliem Dr Martin kien għamel preżentazzjoni fl- istess post fil-Parlament Ewropew għoxrin sena ilu meta wissa lid-dinja tal-perikli serji ta' dan 'l hekk imsejjaħ virus manipulat u kompla jgħid li (għalkemm kien hemm moratorjum meta għarfu l-periklu ta' dawn l-esperimenti) Dr Anthony Fauci baqa' jiġi ffinanzjat mill-Gvern Amerikan fin-NIAID, biex jimmanifattura dan ta' virus fil-laboratorju ta' Wuhan fiċ-Ċina.

Dr Martin stqarr li fl-1990 Pfizer kiseb il-kontroll tal-virus tar-riħ komuni Covid u mmodifikahbilli daħħal il-proteina spike u fl-istess ħin ħoloq vaċċin bħala antidotu. Madankollu,skoprew li l-vaċċin ma jaħdimx u qatt ma seta' jkun effettiv għaliex li l-virus ivarja wisq. Hemm aktar minn 1,000 pubblikazzjoni bi provi ta' dan il-fatt.Huwa jsostni li **huwa improbabbli ħafna li l-WHO ma tafx x'kien qed jiġri.** Dr Martin jikkonkludi li l-ebda kumpanija farmaċewtika m'għandha qatt terġa' titħalla timmanipula ix-xjenza; qatt ma tiffinanzja l-WHO; qatt m'għandha tiġi manipulata u tinħataf ix-xjenza għall-profitt u għad-detriment tas-saħħa tal-bniedem u li l-kumpaniji farmaċewtiċi għandhom jinżammu mija fil-mija responsabbli għad- danni kollha ikkawżati minnhom.

### ❖ Dr Pierre Kory iddikjara:

- Taħt l-awspiċju tad-WHO id-dinja kienet, b'mod patoloġiku u dan huwa reat kontra l-umanità.
- Big Pharma trid tinqata' mid-WHO għax warajha hemm finanzjaturi kbar li għandhom kunflitt kbir ta' interessi.
- Il-WHO qatt ma għamlet riċerki oġġettivi fil-kamp tagħha biex ikollha rizultati indipendenti.
- Fil-fatt, il-Big Pharma kellha biżżejjed saħħa biex timblokka pubblikazzjonijiet dwar l-Ivermectin u Hydroxychloroquine fil-Ġurnal magħruf il-Lancet. Imbagħad irrikorrew għal misinformazzjoni fl-istess ġurnal biex jiskreditaw iż-żewġ mediċini msemmija u mbagħad jippromwovi bil-barka tal-WHO, ir-Remdesevier (prodott minn Phizer)li kienu jafu li kien hemm ċans kbir li joqtol iktar milli jfejjaq.
- Kemm l-Ivermectin kif ukoll il-Hydroxychloroquine li kienu rħas u jingħataw bla riċetta,ġew ipprojbiti minħabba l-pubbliċità ħażina promossa mill-WHO.
- Għaddew għaxar xhur ta' deliberazzjoni qabel ma ġie ppruvat li kien hemm diżinformazzjoni intenzjonata dwar l-Ivermectin u l-HD, iżda kien tard wisq għaliex leħqu kkawzaw hafna mwiet li setghu jigu evitati.
- Il-WHO kienet taf bis-sħiħ bl-effikaċja ta' dawn iż-żewġ trattamenti mediċi iżda kienet lesta tipprojbixxihom biex tippromwovi r-Remdesevier li joqtol iktar milli jfejjaq biex twitti t-triq għall-vaċċini, bl-għajnuna u manipulazzjoni tal-midja dinija.

## Referenzi - *Weblinks*:


- https://youtu.be/bFLPWWCAHfQ and https://youtu.be/vJ93mW_sMPo
- https://www.facebook.com/100010130529766/videos/1449599575872406/?sfnsn=wa
- https://vm.tiktok.com/ZGJ418Xs2/
- https://tinyurl.com/Spike-Support
- https://youtu.be/SdPZVSnv_8Q
- https//dailysceptics.org/2023/06/23/who-pandemic—treaty-will-give-it-power-to-declare-pandemics—lockdowns-and-vaccine-mandates-with-force-of-law-leading-experts—tell-mps/
- htpps://www.ukmedfreedom.org/campaigns-2/stop-the-who
- https:twitter.com/vigilantFox/status/1661158809690095617?s=20
- https://live.childrenshealthdefense.org/chd.tv/shows/friday-roundtable/who-update=what-you-need-to-know/
- https://rumble.com/v13s6q-single-world-government-ushered--in-by-who-covid-19-emergency-weaponised-to-.html
- https//tinyurl.com/Spike-support
- https://bit.ly/42BdXYH
- https://aka.ms/GetM365
- https://open.substack.com/pub/jamesroguski/p/european-union--citizens-initiative-?r=183m03&utm_campaign=post&utm_medium=email
- https://www.bitchute.com/video/SfnLISUJjpXo/ (Covid Summit 111 – Part 1
- http://www.brighteon.com/8b574435-3006-4c94-bfad-4c5804b581ec
- https://dailysceptic.org/2023/07/06/lancet-study-on-covid-vaccine-autopsies-finds-74-were-caused-by-vaccine-journal-removes-study-within-24-hours/
- https://thecanadianindependent.substack.com/p/newly-released-internal-pfizer-covid?fbclid=1wAR0p6jDdqWrB04-uKAi_FTOCFubHHh16WAiBo4-360izNOsUQGcdhs0wfn8
- https://dailysceptic.org/2023/06/23/who-pandemic-treaty-will-give-it-power-to-declare-pandemics-lockdowns-and-vaccine-mandates-with-force-of-law-leading-experts-tell-mps/
- https://www.ukmedfreedom.org/campaigns-2/stop-the-who
- https://www.youtube.com/watch?v=SdPZVSnv_8Q
- https://jamesroguski.substack.com/p/european-union-citizens-initiative?r=183m03&utm_campaign=post&utm_medium=email